MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2009

Numru. 750/2001
Kawza Numru. 7

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Noel Aquilina**
**Omissis**

Il-Qorti ;
Rat li l-imputat Noel Aquilina ta’ 24 sena bin Mario u Mikelina xebba Bajjada, imwieled Pieta’ fit-23.12.75 u li joqghod 62, Narrow Street, Cospicua, detentur tal-karta ta’ l-identita 40975M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’Rahal Gdid nhar il-5 ta’ Novembru 2001, wara nofs in-nhar ikkometta serq ta’ diversi accessorji fosthom, hi-fi stereos, pay phones u affarijiet ohra minn vettura numru BBA-886 tal-ghamla Seat Terra li l-valur taghhom jecceddi

l-valur ta' LM100 izda anqas minn LM1000 liema serq sehh ghad-dannu ta' Renzo Attard u li huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess, data hin, lok u cirkostanzi f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkunu indahal biex ibieghom jew imexxihom;

Talli sar recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definitivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Talli kkommetta reat fil-perjodu operativ tal-probation order moghtija nhar id-19 ta' Lulju, 2000;

Talli kkommetta reati fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu nhar id-19 ta' Ottubru, 2000;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Dicembru 2001 esebit (a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2002 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:
Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta diversi accessorji fosthom hi-fi stereos, payphones u affarijiet ohra simili li sar fil-5 ta' Novembru 2001 u li ttiehdu minn vann bin-numru tar-registrazzjoni BBA 886 tal-ghamla Seat Terra li kien parkeggjat hdejn l-iskola Guze' D'Amato, f'Rahal Gdid li l-valur taghhom kien jeccedi l-Lm100 izda ma kienx jeccedi

l-Lm1000. Mill-provi rrizulta li fl-imsemmija data l-Pulizija rceviet informazzjoni li l-imputat odjern kellu xi oggetti li kienu ghadhom kemm gew misruqa fil-vettura tieghu li kienet tinsab quddiem it-Tequila Bar, il-Fgura. Wara li saret raid fl-imsemmi bar u giet spezzjonata l-vettura tal-imputat fil-presenza tieghu stess instabu xi oggetti konsistenti f'accessorji ta' hi–fi, stereo equipment u payphones fil-vettura tal-imputat liema oggetti jinsabu ndikati fil-lista inserita a fol. 22 tal-process. Minn aktar investigazzjonijet li ghamlet il-Pulizija rrizulta li l-vettura li minnha kienu nsterqu l-imsemmija oggetti kienet proprjeta' ta' certu Renzo Attard minn Hal-Tarxien u meta dan tal-ahhar xehed fil-proceduri odjerni fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2007 dan kien ikkonferma li kienu nsterqu dawn l-oggetti mill-vettura tieghu li kienet tinstab parkeggjata hdejn l-iskola Guze' D'Amato u qal illi dawn l-oggetti kienu ghandu ghat-tiswija izda qal li kien hemm ukoll xi oggeti li kienu godda. Huwa spjega li l-valur tal-oggetti meta nsterqu kien ta' aktar minn Lm100 izda ma kienx jeccedi l-Lm1,000. Huwa kien qal ukoll li kien sab it-tieqa ta' wara tal-vann tieghu sgassata.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija fit-8 ta' Novembru 2001 (inserita a fol. 22 u 23 tal-atti processwali) fejn huwa kien ikkopera mal-Pulizija u ddikjara l-involviment tieghu fis-serqa li kienet saret u spjega li huwa kien effetwa din is-serqa flimkien ma' certu Reuben Cassar li kien ko-akkuzat fil-proceduri odjerni qabel ma ntalbet is-separazzjoni tal-gudizzju stante li dan tal-ahhar ma setghax jinstab mill-Pulizija. Illi kif intqal aktar il-fuq mill-provi rrizulta wkoll li l-oggetti misruqa nstabu fil-pussess tal-imputat u l-Qorti ghalhekk jidhrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat huwa hati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa kif indikat fl-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. Kif jinghad fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess Prosekuzzjoni t-tieni akkuza nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u una volta li l-imputat ser jinstab hati tal-ewwel akkuza l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza. Il-Prosekuzzjoni

rnexxilha wkoll tressaq provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni in kwantu jirrigwarda l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputat permezz tas-sentenzi esebiti a fol. 37 sa 40 u a fol. 47 sa 49 u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati anki ta’ dawn l-akkuzi.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta x-xhieda moghtija mill-Probation Officer Marietta Lanzon (traskrizzjoni relattiva nserita a fol. 34 et sequitur tal-process) fejn wara li din spjegat li ilha ssegwi lill-imputat ghal numru ta snin qalet li huwa ghamel zmien jabbuza mid-droga u kien ghalhekk qabad it-triq il-hazina izda qalet ukoll li llum il-gurnata huwa ttermina b’success programm ta’ riabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga u spjegat li huwa qabad it-triq it-tajba b’mod definittiv, ghandu hajja familjari stabbli u xoghol fiss u m’ghadux jabbuza mid-droga. Din ix-xhud qalet ukoll li hija segwit lill-imputat fuq erbatax il-nomina bhala probation officer u spjegat li huwa ghamel 600 siegha ta’ xoghol fil-komunita’ sabiex jirrimedja ghal dak li ghamel u hija ddefiniet lill-imputat bhala wiehed mill-ftit ‘success stories’ li kellha fil-karriera taghha. Dawn il-fatti ukoll gew konfermati minn Vicky Scicluna ghan-nom tal-Agenzija Sedqa. In vista ta’ dan kollu l-Qorti jidrilha li m’ghandhiex tiddisturba l-progress jew ahjar il-bidla ghall-ahjar f’hajtu li ghamel l-imputat u ghalhekk jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja ghaliex din zgur tkun ta’ detriment kbir ghall-imputat bir-riskju illi huwa jerga’ jaqbad it-triq il-hazina u dan zgur ikun ta’ detriment kemm ghalih kif ukoll ghas-socjeta’ in generali. Il-Qorti jidrilha li fic-cirostanzi ikun aktar opportun li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza stante li din inghatat bhal alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat, u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267,271,49, 50 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba u l-hames akkuza migjuba fil-

konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel Ordni ta' *Probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' sentejn Noel Aquilina ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Noel Aquilina kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Noel Aquilina ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Krimonali**
**Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

Illum 18 ta' Dicembru, 2009

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Bartolo)

vs

Noel Aquilina

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)
Seduta tal-llum 18 ta' Dicembru, 2009.

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Noel Aquilina gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation lil imputat inkluz il-htigijiet mizjuda skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 u nnutat li l-imputat wera li jrid ihares il-htigijiet ta' dik l-istess ordni.

Tordna li l-imsemmi Noel Aquilina detentur tal-karta tal-identita' numru 40975M ta' 34 il-sena, iben Mario u Mikelina xebba Bajjada, imwieled Pieta nhar it-23 ta' Dicembru, 1975 u joqghod fil-fond 62, Narrow Street, Cospicua jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' sentejn Noel Aquilina ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Noel Aquilina kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Noel Aquilina ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-Probation Services ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Noel Aquilina**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------